MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**PETER BORG COSTANZI**

Seduta tas-6 ta' Dicembru, 2005

Talba Numru. 1765/2004

**Atlas Insurance Limited, de proprio kif ukoll kif surrogata fid-drittijiet tal-assikurat taghha Michael Attard Limited**

**Vs**

**Sullivan Maritime Limited, bhala agent tas-socjeta' estera Atlantica SpA di Navigazione, armatur u/jew noleggjatur tal-bastiment "M.V. Eurostar Valencia"**

**It-Tribunal**

Ra l-Avviz li bih is-socjeta' attrici talbet li s-socjeta' konvenuta tigi kkundannata thallas is-somma ta' mitejn u sebgha w erbghin lira Maltin (Lm247) rapprezentanti danni li sofra l-assigurat taghhom Michael Attard Limited u li ghalihom gie ndennizzat rigwardanti hames vetturi Peugeot li waslu Malta fis-26 ta' Settembru, 2003 abbord il-bastiment M.V. Eurostar Valencia liema danni jikkomprendu wkoll tnax-il lira Maltin (Lm12) *survey fees*.

Ra r-Risposta tas-socjeta' konvenuta li biha eccepiet illi t-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kontra taghhom u dan stante li s-socjeta' konvenuta m'hijiex responsabbli ghad-danni reklamati mis-socjeta' attrici u dan minhabba li hija qdiet l-obbligi taghha kif ser jirrizulta waqt it-trattazzjoni tal-kawza.  Illi s-socjeta' attrici ghandha ggib prova tas-surroga moghtija favur taghha.  Illi t-talba in konnessjoni mas-*survey fees* ghandha tigi michuda stante li m'hemm ebda prova ta' l-istess u inoltre, l-ammont mitlub mis-socjeta' attrici huwa eccessiv.

Sema' x-xhieda ta' Peter Bonello, John Falzon, David Borg, Brian Valenzia u ta' Emanuel Portelli.

Ra d-dokumenti esebiti u l-atti kollha tal-kawza.

Sema' t-trattazzjoni ta' Dr Joseph Zammit McKeon ghas-socjeta' attrici u ta' Dr Carlo Bisazza ghas-socjeta' konvenuta.

**Ikkunsidra**

Illi mill-provi prodotti jirrizulta illi s-socjeta' Michael Attard Limited importat minn Valenzia, Spanja konsenja ta' hames vetturi, liema vetturi gew ittrasportati abbord il-vapur M.V. Eurostar Valencia abbazi ta' polza ta' karigu bin-numru MLA 014.  Il-vetturi waslu Malta fis-26 ta' Settembru, 2003 u gew skarikati mill-vapur dakinhar stess.

Hargu mill-port fit-30 ta' Settembru, 2003 u meta waslu ghand l-importatur, Michael Attard Limited, instab li kien hemm numru ta' vetturi bil-hsarat u nuqqasijiet rigwardanti tlett vetturi, cjoe':

"Peugeot Partner 96052120 li kellha *dent on the left front wing.*

Peugeot Partner 96052128 li kellha *dent on the left rear wing and running board.*

Peugeot Partner 96052988 li kellha *scratch on the right rear wing*."

Id-danni totali gew illikwidati ghall-ammont ta' mitejn u hamsa u tletin lira Maltin (Lm235) u inoltre, sabiex sar is-*survey*, is-socjeta' assiguratrici qieghda titlob kumpens ta' erba' liri Maltin (Lm4) ghal kull vettura ddanneggjata, jigifieri total ta' tnax-il lira Maltin (Lm12) biex b'hekk igib l-ammont komplessiv ta' mitejn u sebgha w erbghin lira Maltin (Lm247).

Meta l-vetturi nizlu minn fuq il-vapur sar Joint Tally, jigifieri tally bejn ir-rapprezentant tal-vapur u The Cargo Handling Company Limited. Skond it-tally li gie prodott minn Sullivan Maritime Limited, liema tally huwa joint, kien hemm hsarat fuq tlett vetturi Peugeot li ghandhom in-numri 472, 473 u 032 li kellhom rispettivament:
"*rear right mudguard scratched, no cigarette lighter* u *hubcaps missing.*"

Fir-rigward tat-tally li gie esebit minn The Cargo Handling Company Limited, dan il-joint tally m'huwiex joint izda gie ffirmat biss minn rapprezentant ta' The Cargo Handling Company Limited billi ma kienx jaqbel mat-Tally Sheet li gie mhejji mir-rapprezentant tal-vapur u fil-fatt apparti l-hsarat indikati fit-tally prodott minn Sullivan, hemm hsarat ohra fil-vetturi 462, 654, 550, 556, 447 u 469 li kienu jirrigwardaw:

"*manuals missing, pigeon droppings on bonnet* (550) u *no aerial* (556 u 447)."

u fir-rigward tal-vettura 469, kien hemm:

"*cigarette lighter* nieqes."

Meta l-vetturi hargu mill-port sar Gate Pass-Out u f'dan il-Gate Pass-Out (a fol 13 tal-process) hemm aktar hsarat u nuqqasijiet izda fl-ebda wiehed mid-dokumenti fuq imsemmija, cjoe' t-Tally Sheet u l-Gate Pass-Out,

m'hemm il-hsarat indikati fis-Survey Report u li ghalihom qieghda ssir il-kawza.

Illi huwa evidenti li d-danni mitluba f'din il-kawza ma jistax jinghad li huma d-danni li gew subiti fil-vetturi waqt it-trasport mis-socjeta' konvenuta billi meta l-vetturi gew rilaxxati minn taht il-kontroll taghha, ma kienx hemm evidenza tal-hsarat li huma mertu tal-kawza odjerna.

It-Tribunal ma jistax ma jinnotax ukoll illi d-dokumenti, cjoe' t-Tally Sheets, gew prodotti biss waqt il-kawza u m'hemm l-ebda prova li dawn id-dokumenti b'xi mod inghataw lill-atturi qabel ma giet intavolata l-kawza u certament l-atteggjament tas-socjeta' attrici kienet tkun differenti kieku kellha t-tali dokumenti f'idejha minn qabel. Il-konvenut ma wriex li ta kopja tat-tally lis-socjeta' attrici qabel il-prezentata tal-kawza. Galadarba kien hemm ilment dwar l-istat li fih giet ikkonsenjata l-merkanzija lill-importatur, huwa kellu l-obbligu li jisvela d-dokumenti li jiskolpawh. Galadarba l-polza ta' karigu hija nadifa, l-piz tal-prova tinqaleb fuq il-konvenut biex juri ghaliex m'ghandux ikun responsabbli ghall-hsarat u nuqqasijiet. Illi ghalhekk ghandu jkun hemm temperament fuq il-kap ta' l-ispejjez.

Ghal dawn il-motivi t-Tribunal jaqta' u jiddeciedi billi filwaqt li jichad it-talba attrici, l-ispejjez tal-kawza jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------